



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 160/24

Il-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-240/23 | Herbaria Kräuterparadies II

L-ittikkettjar tal-prodotti organiċi: prodott tal-ikel importat minn pajjiż terz jista' jkollu l-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni biss jekk josserva r-rekwiżiti kollha tad-dritt tal-Unjoni

*Dan japplika wkoll jekk ir-regoli ta' produzzjoni tal-pajjiż terz ikunu rrikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk
previsti mid-dritt tal-Unjoni, peress li tali prodott jista' madankollu jkollu l-logo ta' produzzjoni organika ta' dan
il-pajjiż terz*

Il-projbizzjoni tal-użu tal-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea għal prodott mmanifatturati f'pajjiż terz
skont regoli li jkunu biss ekwivalenti għal dawk previsti mid-dritt tal-Unjoni testendi wkoll għall-użu tat-termini li
jirreferu għal din il-produzzjoni. Madankollu, sakemm prodott jikkonforma ruħu ma' dawn ir-regoli, il-logo ta'
produzzjoni organika tal-imsemmi pajjiż terz jista' jintuża fl-Unjoni għal tali prodott, anki meta dan ikun fih termini li
jirreferu għall-produzzjoni organika.

Herbaria, produttriċi Ġermaniża, tipproduċi xarba magħmula minn taħlita ta' meraq tal-frott u ta' estratti tal-ħxejjex
li jinkludu, minbarra prodott organiċi, vitamini mhux veġetali u glukonat feruż. Fuq l-imballaġġ ta' dan il-prodott
jidher b'mod partikolari l-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni.

L-awtoritajiet Ġermaniżi ordnaw lil Herbaria tneħħi mill-imballaġġ ta' dan il-prodott il-logo ta' produzzjoni organika
tal-Unjoni sa fejn il-prodott ma kienx jikkorrispondi għar-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-ittikkettjar tal-prodotti
organiċi¹. Fil-fatt, dan jippermetti li jiżdiedu vitamini u minerali fil-prodotti pproċessati li jkollhom it-terminu
"organiku" biss jekk l-użu tagħhom ikun legalment meħtieġ, li ma kienx il-każ fir-rigward tax-xarba inkwistjoni.

Herbaria invokat quddiem il-Qorti Amministrattiva Federali Ġermaniża inugwaljanza fit-trattament bejn il-prodott
tagħha u prodott simili, li wkoll kien jinkludi vitamini mhux veġetali u minerali, importat mill-Istati Uniti, li ma kienx
suġġett għal tali proibizzjoni. Fil-fatt, l-Istati Uniti huma rrikonoxxuti bħala pajjiż terz li r-regoli ta' produzzjoni u ta'
kontroll tagħhom huma ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni. Dan ifisser li l-prodotti minn dak il-pajjiż terz li
jikkonformaw ruħhom mar-regoli ta' produzzjoni ta' dan tal-aħħar jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni bħala
prodotti organiċi. Issa, skont Herbaria, dan ir-rikonoxximent għalhekk kien jippermetti li prodott kompetituri
Amerikani jista' jkollhom il-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni kif ukoll termini li jirreferu għal din il-produzzjoni,
bl-unika kundizzjoni li dawn josservaw ir-regoli ta' produzzjoni tal-Istati Uniti, jiġifieri anki meta ma jkunux konformi
mar-regoli ta' produzzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, mistoqsija dwar din l-inugwaljanza fit-trattament mill-qorti adita fuq livell nazzjonali, tqis li
prodott importat minn pajjiż terz u mmanifatturat skont ir-regoli ta' produzzjoni u ta' kontroll irrikonoxxuti bħala
ekwivalenti għal dawk previsti mid-dritt tal-Unjoni **la jista' juża l-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni u lanqas
it-termini li jirreferu għal din il-produzzjoni meta dan il-prodott ma jkunx kompletament konformi mar-
regoli ta' produzzjoni previsti mid-dritt tal-Unjoni**. Fil-fatt, il-kuntrarju jipperikola l-kompetizzjoni ġusta fis-suq
intern tal-prodotti organiċi u joħloq ambigwiżà li tista' tqarraq bil-konsumaturi. Fil-fatt, il-logo ta' produzzjoni

organika tal-Unjoni huwa intiż li jinforma lill-konsumaturi b'mod ċar bil-fatt li l-prodott li fuqu dan jidher huwa kompletament konformi **mar-rekwiżiti kollha tad-dritt tal-Unjoni, u mhux biss ma' regoli ekwivalenti għal dawn tal-aħħar.**

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **l-logo ta' produzzjoni organika ta' pajjiż terz jista' jintuża fl-Unjoni għal tali prodotti importati, anki meta dan ikun fih termini li jirreferu għall-produzzjoni organika.** Fil-fatt, tali logo ma jistax jagħti l-impressjoni li l-prodotti importati kkonċernati jkunu konformi mar-regoli kollha ta' produzzjoni u ta' kontroll tal-Unjoni.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE\) 2018/848](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007.